

32004D0524

30.6.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 230/55

**IL-KONFERENZA TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TA' L-ISTATI MEMBRI ID-DEĊIŻ-
JONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI
EWROPEA**

tat-23 ta' Ġunju 2004

li taħtar imhalef tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej

(2004/524/KE, Euratom)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TA' L-ISTATI MEMBRI TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 224 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 140 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003, u b' mod partikolari l-Artikoli 46 il-paragrafu 1, u l-paragrafu 2, punt b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 46, il-paragrafu 1 ta' l-Att ta' Adeżjoni tal-2003 hawn fuq imsemmi jipprovdi, fost affarijiet oħrajn, għall-ħatra ta' għaxar mħallfin fil-Qorti tal-Prim'Istanza. Skond il-paragrafu 2, il-punt b), ta' l-istess Artikolu. Il-Mandat ta' ħamsa minn dawk l-imħallfin għandu jiskadi fil-31 ta' Awissu 2004. Dawn l-imħallfin għandhom jintgħażlu bix-xorti. Minbarra dan, il-mandat ta' l-imħallfin l-oħra jiskadi fil-31 ta' Awissu 2007.
- (2) Għall-perijodu mill-1 ta' Mejju sal-31 ta' Awissu 2007⁽¹⁾, erba' mħallfin oħra biss ġew maħtura bi qbil mad-Deċiżjoni 2004/490/KE, Euratom, waqt li l-ħatra tal-ħames imhalef kellha tiġi differita.

(3) Għalhekk il-ħames imhalef għandu issa jiġi maħtur,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Is-Sinjura Verica TRSTENJAK hi b'dan maħtura bħala mhalef tal-Qorti tal-Prim'Istanza għall-perjodu ta' żmien mill-1 ta' Lulju 2004 sal-31 ta' Awissu 2007.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussell, nhar it-23 ta' Ġunju 2004.

Il-President

A. ANDERSON

⁽¹⁾ ĠU L 169, ta' l-1.5.2004, p. 23.